**9 ta' Novembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Salvu Psaila

**Leġittima difiża — Provokazzjoni — Pussess ta' armi — Art. 24 u 237, Kap. 12 — Art. 13 u 15 (b), Kap. 106.**

*Il-ġustifikazzjoni tal-leġittima difiża timplika illi:—*

*(1) id-deni li jiġi repullit mill-aġenti jkun inġust fil-kawża tiegħu u l-attakk ta' l-assaltur ikun inġust u illeġittimu; għalhekk, min bl-imġieba u kontenju tiegħu jkun kawża immedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunità sħiħa;*

*(2) id-deni jrid ikun attwali u preżenti fil-waqt tar-reazzjoni; u*

*(3) id-deni jrid ikun inevitabbili.*

*Id-deni minaċċjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravità u bejn id-deni minn naħa u l-perikolu minn naħa l-oħra l-fatt tar-reazzjoni estrinsekata biex l-istess deni jiġi evitat irid ikun hemm proporzjonalità.*

Il-Qorti, rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-sbatax (17) ta' Awissu 1963 miġjuba 'l quddiem mill-Pulizija kontra l-imputat li minnha jidher li l-istess ġie misjub ħati: — (1) talli volontarjament, permezz ta' strument li jaqta u jnigges (mus) fl-erbgħa (4) ta' Lulju 1963 għall-ħabta tad-9 p.m. f'Ħaż-Żabbar ikkaġuna fuq il-persuna ta'

Fredu Mercieca offiża ta' natura ħafifa u (2) talli żamm u ġarr strument li jaqta u jnigges mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u talli kien reċidiv f'reat għall-piena tal-priġunerija għal żmien tliet xhur u ġiet ordnata l-konfiska tal-arma Dokument C;

Rat ir-rikors ta' l-imputat tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awissu 1963 li minnu jidher li huwa talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li huwa jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Semgħet bil-ġurament lill-imputat;

Semgħet bil-ġurament lix-xhieda prodotti;

Semgħet lid-difensur ta' l-imputat u l-Avukat tal-Kuruna;

Ikkunsidrat:

Mill-atti tal-kawża jidher li l-imputat qiegħed jirriklama favur tiegħu l-leġittima difiża u qal li anqas ma eċċeda f'dika l-istess difiża u, fit-trattazzjoni ssottometta in subordine li huwa se mai aġixxa waqt li kien taħt influwenza immedjata ta' passjoni istantanea jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-mument tad-delitt ma kienx jista' jqies l-għemil tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi l-ġustifikazzjoni tal-leġittima difiża (art. 237 Kap. 12) timplika li:— (1) **Id-deni** li jiġi repullit mill-aġent jkun **inġust** fil-kawża tiegħu u l-attakk ta' l-assalitur ikun inġust u illeġittimu u għalkemm dana jrid jiġi rigwardad fis-sens intrinseku u mill-impressjoni soġġettiva li jirċievi l-vjolentat eppure min

bl-imġieba u kontenju tiegħu, ikun kawża immedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunità piena jew sħiħa; (2) Id-deni jrid ikun **attwali u preżenti** fil-waqt tar-reazzjoni u fl-aħħarnett li (3) id-deni jkun **inevitabili** l-għaliex bla ma jkun hemm in-neċessità tad-difiża ir-reazzjoni ta' min iġib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jgħid li jkun ipprova l-leġittimità ta' l-att "per se" anteġuridiku tiegħu. Jingħad imbagħad li huwa aċċertat fid-Dottrina li d-deni minaċċjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravità u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naħara l-oħra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jiġi evitat irid ikun hemm proporzjonalità.

Ill, fil-ħsieb konsiderat ta' dina l-Qorti, il-fatti riżultati ben vagliati ma jiġġustifikawx it-tesi tal-imputat la għall-aċċettazzjoni tal-leġittima difeża u lanqas naturalment għal dik tal-eċċess ta' leġittima difiża, kif lanqas għal dika ta' l-iskuża tal-provokazzjoni. Infatti għal xi preċedenti, fejn l-imputat deherlu li ġranet qabel il-fatt ix-xhud Giuseppi Sciberras kien qal xi kliem, li huwa ħass ruħu offiż dwarhom, dik inhar tal-fatt kif rah ħdejn il-Knisja ta' Santa Marija, Ħaż-Żabbar, mar fuqu u qallu li lilu ma kellux xi jridu u nonostante li Sciberras qallu li dawk il-kliem ma kienux jirriferixxu għalih u li ma kien għamillu xejn huwa telgħalu u qallu li kien sejjer jitqarben b'demmu jew jagħtih daqqa ta' karozza jew van jekk jirrepeti dawk il-kliem. għal liema theddida Sciberras qallu biex jilgħaq (ara statement imputat Dok. A fol. 8 tal-proċess). Meta xehed quddiem dina l-Qorti invece qal biss li huwa mar fuq Sciberras dak inhar ta' l-inċident u qallu li jekk ikompli jgħajru jitqarben b'demmu (bla ma semma li jagħtih daqqa ta' karozza) għax kien mar ħdejn il-Knisja msemmija biex jinsolentah u ċioè għal sempliċi presupposizzjoni l-għaliex lanqas jgħid u qal li Sciberras indirizzah bi kliem ftit minuti qabel il-fatt imputat. Immedjatament resaq ħdejhom l-offiż. Fredu Mercieca, li għalkemm l-imputat u ħu l-għarusa tie-

għu, Mikiel Fenech, riedu jgħidu li mar biex jiġġieled, jirriżulta ampjament mill-provi l-oħra li fil-fatt mar biex ma jħallihomx jiġġieldu imma huma għamlu għalih u Mercieca irreaġixxa bl-idejn kif kienu qabel għamlu huma u waqt li Mercieca kien qiegħed jiġġieled ma' Fenech l-imputat li kellu l-mus fuqu xejjer bih lil Mercieca u għamillu offiża fuq il-persuna tiegħu ta' natura ħafifa skond ma jittestifika Dr. Edward Degabriele (fol. 6 tal-proċess). L-imputat qal li meta ta d-daqqa bil-mus fuq il-persuna ta' Mercieca, dana kien mixħut fuqu l-għaliex huwa kien waqa' fl-art imma dina l-affermazzjoni tal-imputat magħmula quddiem din il-Qorti ma jidhirx li tikkorrispondi għall-verità għaliex huwa fi żmien bikri lanqas qalu fl-istatement u l-għaliex mhux koroborat min ħu l-għarusa tiegħu Fenech u inoltri Mercieca qal li huwa ma nxteħitx fuq l-imputat fl-art u meta kien ġie ferut kien bilwieqfa jissara ma' Fenech mentri Sciberras ra fl-art biss lil Merċieca meta ġie ferut.

Illi kwindi la kien l-imputat li bil-kontenju u aġir tiegħu poġġa ruħu f'pożizzjoni antiġuridika u kien kawża immedjata qabel il-perikolu, li fiha nstab in segwitu, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, ma jimmeritax ebda dirimenti jew skusanti bħal ma qiegħed inopportunament jitlob, apparti l-isproporzjonalità tal-perikolu u reazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-liġi, dwar il-pussess ta' arma, ma tagħmilx distinzjoni jekk l-istess tkunx jew le b'kumbinazzjoni fuq id-delinkwent jew il-possessur, bla liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fl-art. 15 (b) Kap. 106 il-liġi tiddisponi li s-sezzjonijiet tal-art. 13 (fejn hija ndikata l-pena għal min ikollu f'idejh jew fuqu sikkina) mhumiex applikabbili imma jekk l-imputat kellu bżonnha bħala sagristan ċertament ma kellux bżonnha għal xogħol barra mill-ambitu tas-sagristija jekk qatt ix-xogħol ta'

sagristan avventizju (bħal ma kien dak ta' l-imputat) jew anki fiss jista' qatt jidħol taħt in-nomenklatura ta' "sengħa" bħal ma jidher li trid il-liġi għall-esenzjoni. L-imputat qal li l-mus li ta bih huwa ta' proprjetà tal-Knisja msemmija għalhekk il-Qorti, bħala li l-konfiska hija pena aċċessorja tal-pena, tordna li dak il-mus jibqa' l-Qorti salvi u impreġudikati d-drittijiet tal-leġittimu proprjetarju, li ma ġiex pruvat li pparteċipa fir-reat (art. 24 Kap. 12).

Illi m'hemmx kwistjoni li l-imputat huwa reċidiv f'delitt għal liema reċidiva jidher li l-Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha.

Għal dawna r-raġunijiet:—

Tiċħad l-appell interpost mill-imputat u tikkonferma s-sentenza dwar il-konvinzjoni u pena u tordna li l-corpus delicti jibqa' l-Qorti bir-riserva lill-leġittimu proprjetarju li jista' jirriklamah skond il-liġi.